BIRGU
Città Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166   Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270  Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt**    website : **www.birgu.gov.mt**

---

25 ta' Novembru, 2011

.

**Minuti tal-laqgha numru 61(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha  numru 61(05) nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru, 2011 fil-Berga ta' Franza fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.

Il-Kunsillier Ivan Peresso, kien skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol.

Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar kien assenti.

Ippresieda l-laqgha s-Sur John Boxall, Sindku.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

Is-Sindku, s-sur John Boxall, qal li l-laqgha ma saritx ffil-15 ta' Novembru, 2011, peress li ma kienx hemm quorum. Hawnhekk, is-Sindku, nforma lil Kunsilliera li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali talab lil Kunsilli Lokali jibghatu l-attendenza taghhom mil-1 ta' Jannar, 2011 sal-llum

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Item 2.10 (60/05) Uzu tal-Berga ta' Franza ghal esebizzjonijiet

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill gab kopja tal-ftehim li l-Heritage Malta, normalment tuza ghal esebizzjonijiet fil-binjiet taghha. Is-Sindku qal li l-kuntratt

mibghut mhux daqshekk viabli. Hawnhekk is-Sur John Boxall, Sindku ssugerixxa sabiex fl-ewwel gurnata, li x-xoghlijiet jigu esebiti, rapprezentant mil-Kunsill jaghzel wahda mil-pitturi qabel ma tiftah' l-esebizzjoni. Importanti li dik maghzula tkun relatata mal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu min dawk prezenti

1.2 Item 2.1 (60/05) Kunsill Lokali Zghazagh

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta korrispondenza mibghuta mis-Sinjura Josette Camilleri, mil-Agenzija Zghazagh, fejn infurmat lil Kunsill li sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu, jippartecipa fil-Kunsilli Lokali taz-Zghazagh, kellhu jkollu hames Zghazagh imma sfortunatament ma kienx hemm konkorrenza bizzejjed min naha taz-zghazagh tal-lokalita, u dan ifisser li l-progett kellhu jaqa' fl-ewwel fazi tieghu.

1.3 Item 2.2 (60/05) Il-Monument tal-Helsien

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill gie nfurmat b'email li r-responsabilta tal-Monument tal-Helsien ser taqa' direttament taht il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali.

1.4 Item 2.7 (60/05) Il-progett "Creart"

Is-Sindku, s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill gie nnotifikat li sfortunatament l-lokalita tal-Birgu ma gietx accetata sabiex tkun msiehba fil-progett "Creart"

1.5 Item 2.8 (60/05) Is-Suq tal-Bdiewa fil_Birgu

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li bhalissa ghaddeja Korrispondenza mas-Segretarju Permanenti fil-ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, kif ukoll mal-Ministru nnifsu l-Onor. George Pullicino, fejn il-Kunsill qieghed jirsisti ghal l-approvazzjoni ta' dan is-suq biex jibda jsir fil-Birgu

1.6 Item 2.13 (60/05) Ingagg mal-Kunsill ta' skrivan/a part-time fuq progetti ta' l-Unjoni Ewropea

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kunsill ircieva risposta mid-dipartiment, fejn l-istess Kunsill ntalab jghati aktar taghrif dwar it-talba tieghu.

1.7 Item 2.14 (60/05) Tnaqqis mil-allokazzjoni

Il-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti, li sa issa l-Kunsill ghadu minghajr risposta.

1.8 Item 2.15 (60/05) Restawr ta' sala fil-Berga ta' Franza, mir-Rotary Club La Vallette

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li saret laqgha ma' rapprezentanti tar-Rotary Club La Vallette, fejn din is-socjeta ser tirrestawra wahda mil-kmamar ta' fuq fil-Berga ta' Franza. Is-Sindku zied jghid li fil-gimghat li gejjien il-Perit Claude Busuttil ser jintaqa' mal-Perit ta' din is-socjeta sabiex flimkien jiddiskutu x-xoghol ta' restawr f'din il-kamra.

1.9 <u>Item 2.16(60/05) Talba mil-hanut Victory Square</u>

Is-Sindku s-sur John Boxall qal li qed isiru konsultazzjonijiet mal-Koperattiva Tabelli u Sinjali, sabiex it-talba biex il-parkegg fi Triq La Vallette jinqaleb u jsir fuq in-naha tal-lemin tat-triq issir.

1.10 <u>Item 2.17 (60/05) Tender – Knis u Tindif tat-Toroq</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kuntrattur Dimbros Ltd. beda jaghti s-servizz tal-knis u t-tindif tat-toroq min nhar it-Tlieta 1 ta' Novembru, 2011. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill qed jiricievi diversi ilmenti minghand ir-residenti u s'issa ma jinsabx sodisfatt mis-servizz mghoti.Wara diskussjoni, gie deciz li f'dan il-mument ghadu kmieni biex naraw il-livel ta' xoghol min dan il-kuntrattur u jkun ahjar li jinghata ftit cans iehor.

1.11 <u>Item 3(60/05) Decizjoni dwar it-tender ghal gbir ta' skart goff</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kumpanija EuroClean Ltd. appellat ghad-decizjoni mehudha mil-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar l-ghot tat-tender ghal gbir ta' skart goff. Il-Kunsill nforma lid-Dipartiment tal-Kuntratti.

1.12 <u>Item 6 (60/05) Il-Kaz J.C.Zam Construction Ltd. Vs. Kunsill Lokali Birgu</u>

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li l-Kunsill qieghed ihallas l-ammont dovut lis-Sur Giljan Azzopardi u sa issa diga hallas l-ammont ta' € 30,000.

1.13 <u>Item 7 (60/05) Il-progett ta' Parkegg ta' Gnien Fuq tal-Hawli</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li sfortunatament il-progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli, mhux ser jitlesta sa l-ahhar ta' Dicembru. Is-Sindku zied jghid li hemm katusa ta' l-ilma tax-xita li tidher li gejja min taht il-flats ta' Blokk G Entratura D . Kemm il-Perit tal-Kunsill, il-Perit Marvin Ellul, kif ukoll il-Perit ta' l-Awtorita tad-Djar Perit Melanie Spiteri qed jaraw x'soluzzjoni tista tinstab sabiex fl-iqsar zmien possibli jkun jista' jitkomplew ix-xoghlijiet relatati mal-Parkegg.

1.14 <u>Item 8 (60/05) Rapport dwar il-konferenza tal-Walled Towns Friendship Circle gewwa Lucca, fl-Italja</u>

Is-Sindku s-Sur John Boxall, saqsa lil Kunsilliera Miriam Grech, meta hi l-Konferenza li jmiss ta' din l-Assocjazzjoni. Il-Kunsilliera Miriam Grech, qalet li l-konferenza li jmiss ser issir f'April, 2012.

1.15 Item 9.1 (60/05) Harga divertenti ghal kulhadd

Il-Kunsilliera Judith Saliba qalet li ghal attivita ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Novembru, 2011, kien hemm konkorrenza tajba. Hawnhekk, issugerit sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jerga' jorganizza attivita divertenti ghal kulhadd ghal zmien il-Festi tal-Milied nhar l-Erbgha 28 ta' Dicembru, 2011, gewwa Popeye Village. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 2. Korrispondenza

2.1 Il-progett ta' l-ipavimentar taz-zona tal-Collachio

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-MEPA approvat l-progett tal-pavimentar taz-zona tal-Collachio, liema progett ser ikun taht ir-responsabilta tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali.

2.2 Skema ta' manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern mahruga mil-Awtorita tad-Djar ghas-sena 2012

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Awtorita tad-Djar ghat-tieni sena konsekkuttiva qed joffri l-iskema ta' manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern, fejn ghas-sena 2012, ser ikunu ghaxar (10) blokki tal-Gvern li ser jibbenifikaw min din l-iskema. Is-Sindku pprezenta kopja tal-programm ta' hidma mibghut mil-Awtorita tad-Djar. Hawnhekk is-Sindku zied jghid li x-xoghol ta' manutenzjoni taht l-iskema ta' manutenzjoni ghas-sena 2011, fi Blokk E, Ent. B. Triq Mons. Pawlu Galea, Fuq tal-Hawli jinsab lest u ser jinbeda x-xoghol fi Blokk 2, fi Triq il-Mandragg u Triq l-Antika.

2.3 Premjus Zghazugh tas-sena 2011 – Moviment Kerygma

Korrispondenza mil-Moviment Kerygma, fejn talbu lil Kunsill jinnomina Zghazugh ghal Premju Zghazugh tas-Sena 2011. Wara diskussjoni, s-Sindku s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-Kunsill jinnomina lis-Sur Christian Raggio. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Skema EGOV4U

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu, huwa wiehed mil-hames, Kunsilli Lokali li ser jinghata l-ghajnuna finanzjarja ta' € 5000 sabiex jippartecipa fil-progett EGOV4U mahrug mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u li ser ikun that ir-responsabilta ta' l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

2.5 Skema ghal Inizjattivi Sportivi

Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghall-iskema ghal inizjattivi sportivi mahruga mid-Dipartiment ghal Kunsilli Lokali permezz ta' Memo 90/11, fejn il-Kunsill applika ghal zewg programmi, li huma "After School Programme" u "Aerobics" ghal l-Adulti

2.6 Talba ghal gemellag mil-Belt ta' Grassano fl-Italja

Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta talba mil-Belt ta' Grassano fl-Italja, fejn il-Kunsill ta' din il-Belt wera x-xewqa li jaghmel gemellag mal-Belt tal-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku qal li ghalkemm il-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa interresat li jaghmel gemellag ma' din il-Belt, fil-prezent il-Kunsil mhux qieghed f'posizzjoni finanzjarja tajba, imma ghanda tinghata risposta bil-miktub lil Kunsill ta' Grassano fejn jinfurmah b'dak li gie deciz.. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. Taghrif dwar il-konferenza Seatoland

Is-Segretarja Ezekuttiva, s-sinjorina Christine Bonello tat rendikont fuq il-Konferenza tal-progett "Seatoland" li saret gewwa Piraeus fil-Grecja bejn is-7 u d-9 ta' Novembru, 2011. Is-Sinjorina Bonello qalet li f'dan il-progett il-Kunsill huwa mitlub li jaghmel diversi studji fuq iz-zona tal-port il-Kbir u l-effett tal-port fuq il-Belt tal-Birgu u ghal dan il-progett qieghed jahdem id f'id mal-Fondazzjoni Temi Zammit, fejn din il-Fondazzjoni hija kkomissjonata taghmel dan ir-rapport.

## 4. Taghrif dwar il-Konferenza MEDEEA

Is-Sur John Boxall, Sindku, talab sabiex dan l-item jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss peress li s-Sur Ivan Peresso, l-Kunsillier responsabli min dan il-progett fejn attenda ghal din il-konferenza fi Kreta l-Grecja, ma kienx prezenti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 5. Party tal-Milied ghat-tfal

Is-Sindku, s-sur John Boxall, qal li qed isiru l-preparamenti mehtiega biex il-Party tal-Milied ghat-tfal issir nhar il-Gimgha 16 ta' Dicembru, 2011. Is-Sindku zied jghid li l-konkorrenza ghal din l-attivita tidher li ser tkun wahda tajba.

## 6. Riceviment tal-Milied ghal anzjani tal-Birgu li jinsabu rokverati fl-isptarjiet

Is-sur John Boxall, Sindku, pprezenta talba minghand is-Sur Kenneth Cremona Caruana, sabiex ghal zmien il-Milied, il-Kunsill Lokali tal-Birgu jofri riceviment zghir ghal anzjani mil-Birgu li qeghdin rikoverati gewwa r-Residenza San Vincenz. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba u l-istess Kunsill jiehu hsieb li

jghati rigal ghal okkazzjoni lil dawn l-anzjani. Barra min hekk, is-Sindku ssugerixxa sabiex issir ukoll riceviment ckejken lil anzjani mil-Birgu li qeghdin rikoverrati fid-Dar ta’ l-Anzjan, Bormla fejn jinghata ukoll rigal . Is-Sindku kompla billi qal biex ma ninsewx llil dawk l-anzjani mil-Birgu li huma rekoverati f’djar ohra ta’ l-Anzjani. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**7. <u>Taghrif dwar ix-xoghlijiet fil-Berga ta’ Franza</u>**

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera li l-panelli fotovoltajici fuq il-binja tal-Berga ta’ Franza gew installati. Is-Sindku tah rendikont tax-xoghlijiet li qeghdin isiru u nforma lil Kunsilliera li x-xoghol ta’ restawr tal-*front office* jinsab lest, kif ukoll l-facilitajiet sanitarji jinsabu lesti u nforma lil Kunsilliera li saret laqgha mal-Engineer Renzo Curmi fejn gie diskuss l-installazzjoni tad-dawl u *light fittings* f’dan l-ufficju. Il-Kunsill tah il-fakulta lis-Sindku u lis-Segretarja Ezekuttiva, sabiex jaghzlu l-irhas offerta mil-kwotazzjonijiet mibghuta.

Hawnhekk, is-Sindku pprezenta ittra mibghuta mis-Sinjura Cynthia Misokova mil-Ufficju tas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Christ Said. dwar il-finanzjament tax-xoghlijiet fil-Berga ta’ Franza, fejn ghan-nom ta’ l-istess Segretarju Parlamentari, talbet sabiex ma jsirx xoghol gdid qabel ma jigi approvat mil-Ufficju tal-Prim Ministru l-finanzjament tal-progetti fil-Berga ta’ Franza. Is-Sindku risposta ghal din il-korrispondenza ntbghatet lil Onor. Dr. Chris Said, fejn gie nfurmat li il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser ikompli dawk ix-xoghlijiet li kienu diga qed isiru. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu xtaq li jaghmel ix-xoghlijiet kollha mehtiega biex ghal inqas jinfetah l-*front office* sa Jannar 2012.

**8. <u>Taghrif dwar is-sitwazzjoni tas-servizz ta’ l-Arriva fil-lokalita</u>**

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kunsill ghamel laqgha mas-Sur Ivan Pierre Vella, fi hdan l-Awtorita tat-Transport, fejn gie diskuss is-servizz mghoti mil-Kumpanija Arriva u d-diversi ilmenti li l-istess Kunsill kien qieghed jircievi ta’ kuljum minghand ir-residenti. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu tah is-suggerimenti tieghu biex jerga’ jibda jinghata s-servizz ta’ tal-linja Fuq tal-Hawli, tizdied il-frekwenza tas-servizz ghal Belt Valletta u ghal l-isptar, kif ukoll fuq suggeriment ta’ l-istess Awtorita qabel li l-karozza tal-linja tibda tghaddi min Triq San Lawrenz, twaqqaf vicin il-Monument tal-Helsien, u terga’ titla’ mil-imsemmija triq min flok min Triq Desain u Triq il-Kardinal u dan biex jigu elenkati xi incidenti similii kif diga kien hemm . Il-Kunsilliera Miriam Grech qalet li sfortunatament s-sitwazzjoni ghada l-istess. Is-Sindku qal li dawk is-suggeriment li gew diskussi mas-Sur Ivan Pierre Vella mit-Transport Malta iridu jigi approvati mil-Kumpanija Arriva.

## 9. Affarijiet Ohra

9.1 Librerija Regjonali

Il-Kunsilliera Miriam Grech issugerit sabiex jinxtraw iktar kotba li l-ingliz ghal Librerija Regjonali ghat-tfal li jattendu din il-librerija. min Year 5 sa Form 2 ghal librerija regjonali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9.2 Lista ta' pagamenti.

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sinjura Judith Saliba, Kunsilliera, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-7:15 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 15 ta' Dicembru, 2011

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |